MARL

MALTA

Fuljett maħruġ mill-MARL

Għad-Dilettanti tar-Radju

Maltin u Għawdxin

Numru 63

Ġunju 2011

Fiċ-Ċentru mhux permess tipjip

Mill-Editur

Ħbieb,
Nilqagħkom għal ħarġa oħra ta’ dan il-fuljett ta’ Ġunju 2011 li hija it-63 ħarġa ta’ din is-sensiela.

Mill-aħħar ħarġa tal-Fuljett il-**MARL** ħadet sehem kemm fil-Fiera tar-Rebbiegħa fil-**Ġonna ta’ Sant’Anton** kif ukoll fil-Jum Militari ta’ l-Imtarfa. Filwaqt li nrodd ħajr lil dawk kollha li taw sehemhom u ħadu sehem f’dawn l-attivitajiet, inħeġġeġ lil kull min ikun jista’ jieħu sehem f’kull attività tal-**MARL** jew li l-**MARL** tieħu sehem fiha. Aktar ‘l isfel għandkom xi ritratti ta’ dawn l-attivitajiet u radd il-ħajr imur lil kull man bagħat dawn ir-ritratti

Għadna qed nippruvaw li ningħataw allokazzjoni fuq il-frekwenza tal-**500 kĦz** biex inkunu nistgħu nikkomunikaw mad-dilettanti tar-radju minn numru ta’ pajjiżi li taw allokazzjoni fuqha lid-dilettanti tar-radju tagħhom kif ukoll fuq frekwenzi oħra.

Infakkarkom li fuq din il-frekwenza hemm mozzjoni fuq l-aġenda tal-**Konferenza Dinjija ta’ l-Għaqda Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni** li sejra ssir is-sena d-dieħla u aktarx li kif jixtiequ d-dilettanti tar-radju se jkun hemm allokazzjoni dinjija fuq din il-frekwenza jew frekwenzi oħra qrib.

Illum għandkom il-vultaġġ li wieħed isib fil-pajjiżi differenti kif ukoll il-frekwenza li llum hija jew **50 Ħz** jew **60 Ħz** kif ukoll dettalji oħra li huma importanti. Din tkompli ma’ l-informazzjoni li tajtkom aktar qabel dwar il-plakek li jintużaw fil-pajjiżi differenti.

Għandkom ukoll tfakkira dwar dak li kont ktibt aktar qabel dwar l-użu ta’ l-apparat tagħna mill-karozza u l-wardins għaliex jidher li kien hemm min jew ma qarax dak li kont ktibt jew nesa. Importanti taqrawh fl-interess tagħkom.

Għandkom ukoll informazzjoni oħra dwar attivitajiet organizzati minn għaqdiet barranin bħal ma huma il-kompetizzjoni **VĦF ta’ l-ARRL**, dwar li r-**Russja** issa daħħlet fis-seħħ ir-**Rakkomandazzjoni tas-CEPT TR61/01** u l-lista’ tal-pajjiżi li daħħlu din ir-Rakkomandazzjoni fis-seħħ, kif ukoll dwar tmiem il-ġimgħa tal-mużewijiet internazzjonali li wkoll jinżammu matul Ġunju.

Infakkarkom li l-posta elettronika il-ġdida tiegħi hija 9h1avLaw at gmail dot com bl-ittra L tista’ tkun żgħira u mhux kapitali.

Bħal dejjem, nittama li l-informazzjoni fil-fuljett issibuha siewja għalikom u jekk ikollkom xi artiklu jekk jogħġobkom ħalluh fil-kaxxa tal-**QSL** tiegħi jew tistgħu tibgħatuha fuq il-posta elettronika ġdida tiegħi **9h1avLaw at gmail dot com**

Lawrence
9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV

Vultaġġi u Frekwenzi

Illum se nagħtikom informazzjoni dwar il-vultaġġi u l-frekwenza tal-kurrent elettriku li wieħed isib fil-pajjiżi madwar id-dinja. Fil-kolonna numru 4 għandkom it-tipi ta' plakek li wieħed isib jintużaw fil-pajjiż. Fejn hemm asterikx għandkom noti aktar l-isfel.

Pajjiż	Vultaġġ	Frekwenza	Plug
Afganistan	220 V	50 Ħz	C, F*[1]
Albanija	220V*[2]	50 Ħz	C, F
Alġerija	230V	50 Ħz	C*[3], F
Samoa Amerikana	120V	60 Ħz	A, B, F, I
Andorra	230V	50 Ħz	C, F
Angola	220V	50 Ħz	C
Angwilla	110V	60 Ħz	A, (maybe B)
Antigwa	230V*[4]	60 Ħz	A, B
Arġentina	220V	50 Ħz	C, I*[5]
Armenja	220V	50 Ħz	C, F
Aruba	127V*[6]	60 Ħz	A, B, F
Australja[7]	240V	50 Ħz	I
Awstrija[8]	230V	50 Ħz	F
Ażerbajġan	220V	50 Ħz	C, F
Azores	220V*[9]	50 Ħz	B, C, F
Baħamas	120V	60 Ħz	A, B
Baħrain	230V*[10]	50 Ħz*	G
Gżejjer Balearići	220V	50 Ħz	C, F
Bangladexx	220V	50 Ħz	A, C, D, G, K
Barbados	115V	50 Ħz	A, B
Belarus	220V	50 Ħz	C, F
Belġju[11]	230V	50 Ħz	E
Beliż	110/220V	60 Ħz	B, G
Benin	220V	50 Ħz	E
Bermuda	120V	60 Ħz	A, B
Butan[12]	230V	50 Ħz	D, F, G
Bolivja	220/230V*[13]	50 Ħz	A, C
Bosnja	220V	50 Ħz	C, F
Botswana[14]	230V	50 Ħz	M
Brażil	110/220V*[15]	60 Ħz	A, B, C

[1] * Plakek tip Ċ u F huma komuni f'Kabul, imma aktarx varjetà ta' plakek tal-ħajt huma wżati madwar il-pajjiż. Għejjun jgħidu li jintużaw ukoll tip D. Rapporti oħra juru varjazzjonijiet fil-vultaġġ minn 160V sa 280V.
[2] * Varjazzjonijiet fil-vultaġġ huma komuni.
[3] * Varjazzjoni ta' plakek tip Ċ bil-pinn ta' l-art spistat 1/2 pulzier miċ-ċentru jistgħu jinstabu wkoll.
[4] * l-Inħawi ta' l-ajruport huma rapurtati 230V, Antigua 110V.
[5] * Il-fili newtrali u ħaj huma l-kontra minn kif huma wżati fl-Awstralja u nħawi oħra.
[6] * Kolonja Lago 115V
[7] * Plakek tal-ħajt normalment ikkontrollati bi swiċċ.
[8] Plakek tip Ċ jistgħu jibstabu, imma rari.
[9] * Ponta Delgada 110V; se tinbidel għal 220V
[10] *Awali 110V, 60 Ħz
[11] Plakka tip Ċ tista' tintuża wkoll fi plakek tal-ħajt tip E u F. Apparat isolat doppjament fil-fatt jkollhom plakka Ċ, u jistgħu jintużaw f'kull plakka tal-ħajt oħra li taqbel (Ċ E F u L dojoq). Plakek tal-ħajt tip Ċ huma mnosti (ipprojbiti) fil-Belġju.
[12] Plakek tip M huma identifikati minn xi għejjun.
[13] * La Paz u Viacha 115V
[14] Plakek tip G jistgħu jinstabu imma rari.
[15] *127V fl-istati ta' Bahia, Paraná (ukoll Curitiba), Rio de Janeiro, São Paulo and Minas Gerais (għalkemm 220V jistgħu jinstabu f'xi lukandi). Inħawi oħra huma biss 220V, bl-eċċezzjoni ta' Fortaleza (240V). Plakek tal-ħajt huma tip A u Ċ flimkien u jaċċettaw iż-żewġ tipi ta' plakek.

Brunej	**240V**	**50 Ħz**	**G**
Bulgarija	**230V**	**50 Ħz**	**C*, F*[16]**
Burkina Faso	**220V**	**50 Ħz**	**C, E**
Burundi	**220V**	**50 Ħz**	**C, E**
Kambodia	**230V**	**50 Ħz**	**A, C*[17]**
Kamerun	**220V**	**50 Ħz**	**C, E**
Kanada	**120V**	**60 Ħz**	**A, B**
Gżejjer Kanarji[18]	**220V**	**50 Ħz**	**C, E, L**
Kap Verde	**220V**	**50 Ħz**	**C, F**
Gżejjer Kajman	**120V**	**60 Ħz**	**A, B**
Rep. Afrikana Ċentrali	**220V**	**50 Ħz**	**C, E**
Ċad	**220V**	**50 Ħz**	**D, E, F**
Ġżejjer tal-Kanal	**230V**	**50 Ħz**	**G**
Ċili	**220V**	**50 Ħz**	**C, L**
Ċina, Rep tal-Poplu taċ-	**220V**	**50 Ħz**	**A, I, G[19]**
Kolombja	**110V**	**60 Ħz**	**A, B**
Komoros	**220V**	**50 Ħz**	**C, A**
Kongo, Rep. Tal-Poplu tal-	**230V**	**50 Ħz**	**C, E**
Kongo, Rep. Dem. tal- (*Qabel* Żaire)	**220V**	**50 Ħz**	**C, D**
Gżejjer Kukk	**240V**	**50 Ħz**	**I**
Kosta Rika	**120V**	**60 Ħz**	**A, B**
Kosta ta' l-Avorju	**220V**	**50 Ħz**	**C, E**
Kroazja	**230V**	**50 Ħz**	**C, F**
Kuba[20]	**110/220V**	**60 Ħz**	**A, B, C, F, L**
Ċipru	**240V**	**50 Ħz**	**G**
Repubplika Ċeka	**230V**	**50 Ħz**	**E**
Danimarka[21]	**230V**	**50 Ħz**	**C, K**
Dġibuti	**220V**	**50 Ħz**	**C, E**
Dominika	**230V**	**50 Ħz**	**D, G**
Republica Dominikana[22]	**110V**	**60 Ħz**	**A**
Timor tal-Lvant[23]	**220V**	**50 Ħz**	**C, E, F, I**
Ekwador	**120-127V**	**60 Ħz**	**A, B**
Eġittu	**220V**	**50 Ħz**	**C**
El Salvador	**115V**	**60 Ħz**	**A, B**
Ingliterra (ara UK)			
Guinea Ekwatorjali[24]	**220V***	**50 Ħz**	**C, E**
Eritrea	**230V**	**50 Ħz**	**C**
Estonja[25]	**230V**	**50 Ħz**	**F**
Etjopja	**220V**	**50 Ħz**	**D, J, L**

[16] * Xi plakek tal-ħajt huma rapurtata bħala tip E, għalkemm kemm tip Ċ u F jistgħu jinstabu.
[17] * Xi plakek tal-ħajt tip A u Ċ jistgħu jaċċettaw it-tnejn. Plakek tip G jistgħu jinstabu f'xi lukandi.
[18] Plalek u plakek tal-ħajt jista' jkollhom pinnijiet spazjati differenti. Il-pinnijiet l-iżgħar u l-eqreb jifilħu 10A, dawk tal-pinnijiet ikbar u usa jifilħu 16A.
[19] Il-plakka uffiċjali hija tip A, imma kemmxejn iqsar u mingħajr toqob fil-pinnijiet. Plakek tal-ħajt A u I huma komuni, u tip G jista' wkoll jinstab.
[20] Il-biċċa 'l kbira tal-lukandi 110V. Xi lukandi aktar ġodda 220V. Xi plakek tal-ħajt huma tip A u Ċ flimkien u jaċċettaw iż-żewġ tipi ta' plakka.
[21] Il-konnetturi Daniżi għandhom differenzi żgħar minn dawk użati fi bnadi oħra. Waqt li l-ħxuna tal-pinnijiet u l-ispazju huma l-istess, il-plakek tal-ħajt għandhom fond differenti li jista' ma jħallix l-użu ta' addattaturi komuni minħabba t-tfal. Ukoll plakek tip Ċ jidħlu fil-plakek tal-ħajt tip K imma mhux bil-maqlub.
[22] Tip J jistgħu jinstabu f'xi lukandi.
[23] Il-kurrent m'huwiex stabbli u sikwit jaqà u jmur. Bdil f'daqqa fil-vultaġġ huwa sikwit u jmorru ħafna apparat li jħares il-linji. Plakek tip I huma komuni minħabba li sar ħafna bini mill-Awstraljani; plakek tip Ċ huma komuni f'bini matul l-okkupazzjoni Indonesjana; plakek tip E huma inqas komuni, plakek tip F huma komuni f'uffiċini imma mhux f'lukandi.
[24] * Il-vultaġġ ivarja bejn 150V u 175V bi qtugħ sikwit.
[25] Plakek tip Ċ jistgħu jinstabu f'bini qadim. Plakek tip E jistgħu jaħdmu kemm fi plakek tal-ħajt tip Ċ jew F.

Gżejjer Faeroe	**220V**	**50 Ħz**	**C, K**
Gżejjer Falkland / Malvinas	**240V**	**50 Ħz**	**G**
Fiġi	**240V**	**50 Ħz**	**I**
Finlandja	**230V**	**50 Ħz**	**C, F**
Franza[26]	**230V**	**50 Ħz**	**E**
Gujana Franċiża	**220V**	**50 Ħz**	**C, E**
Gaża	**230V**	**50 Ħz**	**H**
Gabon	**220V**	**50 Ħz**	**C**
Gambja	**230V**	**50 Ħz**	**G**
Ġorġja	**220V**	**50 Ħz**	**C**
Ġermanja	**230V**	**50 Ħz**	**C, F**
Gana	**230V**	**50 Ħz**	**D, G**
Ġibiltà	**240V**	**50 Ħz**	**C, G**
Greċja	**220V**	**50 Ħz**	**C, D, E, F**
Grijnlandja	**220V**	**50 Ħz**	**C, K**
Grenada (Gż. Windward)	**230V**	**50 Ħz**	**G**
Gwadeluwp	**230V**	**50 Ħz**	**C, D, E**
Gwam	**110V**	**60 Ħz**	**A, B**
Gwatemala	**120V**	**60 Ħz**	**A, B, G, I**
Ginea	**220V**	**50 Ħz**	**C, F, K**
Ginea-Bisso	**220V**	**50 Ħz**	**C**
Gujana[27]	**240V***	**60 Ħz***	**A, B, D, G**
Ħaiti	**110V**	**60 Ħz**	**A, B**
Ħonduras	**110V**	**60 Ħz**	**A, B**
Ħong Kong[28]	**220V***	**50 Ħz**	**G, M**
Ungerija	**230V**	**50 Ħz**	**C, F**
Islanda	**220V**	**50 Ħz**	**C, F**
Indja	**230V**	**50 Ħz**	**C, D**
Indonesja	**127/230V***[29]	**50 Ħz**	**C, F, G**
Iran	**230V**	**50 Ħz**	**C**
Iraq	**230V**	**50 Ħz**	**C, D, G**
Irlanda (Eire) [30]	**230V**	**50 Ħz**	**G**
Gżira tar-Raġel	**240V**	**50 Ħz**	**C, G**
Israel	**220V**	**50 Ħz**	**C**
Italja[31]	**230V**	**50 Ħz**	**C, F, L**
Ġamajka	**110V**	**50 Ħz**	**A, B**
Ġappun	**100V**	**50/60 Ħz***[32]	**A, B**
Ġordan	**230V**	**50 Ħz**	**D, F, G, J***[33]
Kenja	**240V**	**50 Ħz**	**G**
Każakstan	**220V**	**50 Ħz**	**C**
Kiribati	**240V**	**50 Ħz**	**I**
Korea, t'Isfel	**220V**	**60 Ħz**	**C, F***[34]

[26] Plakek tip Ċ jistgħu jinstabu f'xi apparat, u jidħlu fi plakek tal-ħajt E. Plakek tal-ħajt Ċ jistgħu jinstabu f'bini qadim. Plakek tip Ċ jistgħu jinstabu f'xi bini qadim. Plakek tip A jistgħu jinstabu f'xi bini qadim imma huma illegali.

[27] * Fil-belt kapitali Georgetown, jinstabu kemm 120V and 240V kemm 50 jew 60 Hz, skond il-parti tal-belt (50Ħz l-aktar komuni). IL-vultaġġ jista' jvarja skond l-inħawi tal-belt.

[28] Plekek tip M mibdula b'tip G imma għadek issibhom.

[29] * Għaddejja bidla għal 230V; lesta fi bliet prinċipali.

[30] Plakek tip D kienu komuni u għadhom jistgħu jinstabu.

[31] Plakek u plakek tal-ħajt tip L jista' jkollhom spazju tal-pinnijiet differenti. Il-pinnijiet iżgħar u aktar qrib jifilħu 10A, dawk akbar u usa jifilħu 16A. It-tnejn huma wżati u skond ir-regolamenti Taljani relevanti (CEI). Xi plakek tal-ħajt għandhom toqob ma xulxin biex jaċċetta kemm il-plakek qodma u kemm ġodda.

[32] * Il-Ġappun tal-Lvant 50Hz (Tokjo, Kawasaki, Sapporo, Jokoħama, u Sendai); Ġappun tal-Punent 60Hz (Osaka, Kjoto, Nagoja, Ħiroshima)

[33] * Plakek tip Ċ jistgħu jinstabu f'xi lukandi.

[34] * Tip F aktarx misjuba f'uffiċini u lukandi. Plakek b'vultaġġ 110V bi plakek A u B kienu wżati qabel imma qed jiġu mibdula. Jistgħu jinstabu wkoll f'bini qadim u xi lukandi joffru servizz kemm ta' 110V kif ukoll ta' 220V.

Kuwajt	**240V**	**50 Ħz**	**D*[35], G**
Laos	**230V**	**50 Ħz**	**A, B, C, E, F**
Latvja	**220V**	**50 Ħz**	**C, F**
Libanu	**110/220V**	**50 Ħz**	**A, B, C, D G**
Lesoto	**220V**	**50 Ħz**	**M**
Liberja	**120V**	**60 Ħz**	**A, B**
Libja	**127V*[36]**	**50 Ħz**	**D, L**
Litwanja	**220V**	**50 Ħz**	**C, F**
Liećtenstajn	**230V**	**50 Ħz**	**J**
Lussemburgu	**220V**	**50 Ħz**	**C, F**
Makaw	**220V**	**50 Ħz**	**D, G**
Maċedonja	**220V**	**50 Ħz**	**C, F**
Madagaskar	**220V**	**50 Ħz**	**C, E**
Madejra	**220V**	**50 Ħz**	**C, F**
Malawi	**230V**	**50 Ħz**	**G**
Malasja	**240V**	**50 Ħz**	**G**
Maldives	**230V**	**50 Ħz**	**A, D, G, J. K, L**
Mali	**220V**	**50 Ħz**	**C, E**
Malta	**230V**	**50 Ħz**	**G**
Martinik	**220V**	**50 Ħz**	**C, D, E**
Mawritania	**220V**	**50 Ħz**	**C**
Morixjus	**230V**	**50 Ħz**	**C, G**
Messiku	**127V**	**60 Ħz**	**A, B**
Mikronesja (Stati Federali ta)	**120V**	**60 Ħz**	**A, B**
Monako	**127/220V**	**50 Ħz**	**C, D, E, F**
Mongolja	**220V**	**50 Ħz**	**C, E**
Montenegro	**220V**	**50 Ħz**	**C, F**
Montserrat (Gż. Leeward)	**230V**	**60 Ħz**	**A, B**
Marokk	**127/220V*[37]**	**50 Ħz**	**C, E**
Możambique	**220V**	**50 Ħz**	**C, F, M*[38]**
Mjanmar (qabel Burma)	**230V**	**50 Ħz**	**C, D, F, G*[39]**
Namibja	**220V**	**50 Ħz**	**M**
Nauru	**240V**	**50 Ħz**	**I**
Nepal	**230V**	**50 Ħz**	**C, D**
Olanda	**230V**	**50 Ħz**	**C, F**
Antilles ta' l-Olanda	**127/220V*[40]**	**50 Ħz**	**A, B, F**
Kaledonja Ġdida	**220V**	**50 Ħz**	**F**
Zelanda Ġdida	**230V**	**50 Ħz**	**I**
Nikaragwa	**120V**	**60 Ħz**	**A**
Niġer	**220V**	**50 Ħz**	**A, B, C, D, E, F**
Niġerja	**240V**	**50 Ħz**	**D, G**
Irlanda ta' Fuq (ara UK)			
Norveġja	**230V**	**50 Ħz**	**C, F**
Okinawa	**100V*[41]**	**60 Ħz**	**A, B, I**
Oman	**240V*[42]**	**50 Ħz**	**G**
Pakistan	**220V**	**50 Ħz**	**C, D**
Skoll Palmira	**120V**	**60 Ħz**	**A, B**
Panama	**110V*[43]**	**60 Ħz**	**A, B**

[35] * Tip D huma primarjament użati għal servizz ta'15A, Tip G primarjament għal servizz ta'13A.
[36] * Barce, Benghazi, Derna, Sebha u Tobruk 230V
[37] * Qed jinbidlu għal 220V
[38] * Tip M misjuba l-aktar lejn il-fruntiera ma' l-Afrika t'Isfel, inkluż il-kapitali, Maputo.
[39] Tip G* misjuba l-aktar fl'aħjar lukandi. Jingħad li l-katini ta' lukandi kbar għandhom plakek tal-ħajt għal użu varju li jieħdu plakek ta' 3 pinnijiet Awstraljani u forsi anki oħrajn.
[40] * St. Martin 120V 60 Hz; Saba u St. Eustatius 110V 60 Ħz A, forsi B
[41] * Faċilitajiet militari 120V
[42] *Varjazzjonijiet fil-vultaġġ huma komuni

Papwa Gineja Ġdida	**240V**	**50 Ħz**	**I**
Paragwaj	**220V**	**50 Ħz**	**C**
Peru	**220V*[44]**	**60 Ħz***	**A, B, C**
Filippini[45]	**220V**	**60 Ħz**	**A, B, C**
Polonja	**230V**	**50 Ħz**	**C, E**
Portugall	**230V**	**50 Ħz**	**C, F**
Pwerto Riko	**120V**	**60 Ħz**	**A, B**
Qatar	**240V**	**50 Ħz**	**D, G**
Gżira Réunion	**220V**	**50 Ħz**	**E**
Rumanija	**230V**	**50 Ħz**	**C, F**
Russja[46]	**220V**	**50 Ħz**	**F, C**
Rwanda	**230V**	**50 Ħz**	**C, J**
St. Kitts u Nevis (Gż. Leeward)	**230V**	**60 Ħz**	**D, G**
St. Luċija (Windward Is.)	**240V**	**50 Ħz**	**G**
St. Vinċens (Gż. Windward)	**230V**	**50 Ħz**	**A, C, E, G, I, K**
Samoa	**230V**	**50 Ħz**	**I**
Arabja Sawdita	**127/220V**	**60 Ħz**	**A, B, F, G**
Skozja (*Ara* UK)			
Senegal	**230V**	**50 Ħz**	**C, D, E, K**
Serbja	**220V**	**50 Ħz**	**C, F**
Sejxells	**240V**	**50 Ħz**	**G**
Sjerra Leone	**230V**	**50 Ħz**	**D, G**
Singapor[47]	**230V**	**50 Ħz**	**G**
Republika Slovakka	**230V**	**50 Ħz**	**E**
Slovenja	**220V**	**50 Ħz**	**C, F**
Somalja	**220V*[48]**	**50 Ħz**	**C**
Africa t'Isfel	**220/230V*[49]**	**50 Ħz**	**M**[50]**
Spanja[51]	**230V**	**50 Ħz**	**C, F**
Sri Lanka	**230V**	**50 Ħz**	**D**
Sudan	**230V**	**50 Ħz**	**C, D**
Surinam	**127V**	**60 Ħz**	**C, F**
Sważilandja	**230V**	**50 Ħz**	**M**
Svezja	**230V**	**50 Ħz**	**C, F**
Svizzera[52]	**230V**	**50 Ħz**	**J**
Sirja	**220V**	**50 Ħz**	**C, E, L**
Taħiti[53]	**220V**	**60 Ħz**	**A, B, E**
Taġikistan	**220V**	**50 Ħz**	**C, I**
Tajwan	**110V**	**60 Ħz**	**A, B**
Tanżanija	**230V**	**50 Ħz**	**D, G**
Tajlandja	**220V**	**50 Ħz**	**A, C*[54]**
Togo	**220V*[55]**	**50 Ħz**	**C**
Tonga	**240V**	**50 Ħz**	**I**

---

[43] * Belt tal-Panama 120V
[44] * Talara 110/220V; Arequipa 50Hz
[45] Tip A l-aktar komuni.
[46] Tip F użat f'bini ġdid. Tip Ċ huma komuni f'bini qadim.
[47] Addattaturi Tip A issibhom f'ħafna ħwienet bħala estensjoni ta' 3 sa 5 plakek, użati l-aktar għal apparat awdjo u vidjo.
[48] * Berbera 230V; Merca 110/220V
[49] * Grahamstad & Port Elizabeth 250V; misjub anki f'King Williams
[50] ** Tipi Ċ u G jinstabu wkoll f'xi nħawi oħra.
[51] F'Barċellona Barrio Gothic, il-voltaġġ huwa 120V 60Hz u huma wżati plakek Tipi C u F. Trasformaturi li jgħollu l-vultaġġ huma meħtieġa biex jintuża apparat tipiku Ewropew.
[52] Plakek tipi Ċ huma komuni fl-apparat, u jidħlu fi plakek tal-ħajt J.
[53] Il-plakek tal-ħajt kollu huma mħarsas minn interrutturi ta' ħsasa ma' l-art (GFCI).
[54] * Xi plakek tal-ħajt huma tat-tip A u Ċ flimkien u jaċċettaw xi plakka minnhom.
[55] *Lome 127 V

Trinidad u Tobago	**115V**	**60 Ħz**	**A, B**
Tunisija	**230V**	**50 Ħz**	**C, E**
Turkija	**230V**	**50 Ħz**	**C, F**
Turkmenistan	**220V**	**50 Ħz**	**B, F**
Uganda	**240V**	**50 Ħz**	**G**
Ukrajina	**220V**	**50 Ħz**	**C**
Emirat Għarab Magħquda	**220V***	**50 Ħz**	**G**
Renju Maqgħqud (UK)	**230V*[56]**	**50 Ħz**	**G**
Stati Magħquda ta' l-America	**120V**	**60 Ħz**	**A, B**
Urugwaj	**220V**	**50 Ħz**	**C, F, I*[57], L**
Użbekistan	**220V**	**50 Ħz**	**C, I**
Vanwatu[58]	**230V**	**50 Ħz**	**I**
Venezuela	**120V**	**60 Ħz**	**A, B**
Vjetnam	**127/220V*[59]**	**50 Ħz**	**A, C, G**
Gżejjer Virgin (Ingliżi u U.S.A.)	**115V**	**60 Ħz**	**A, B**
Galles *(Ara* UK)			
Repubblika tal-Jemen	**220/230V**	**50 Ħz**	**A, D, G**
Żambja	**230V**	**50 Ħz**	**C, D, G**
Zimbabwe	**220V**	**50 Ħz**	**D, G**

Nittama li din l-informazzjoni ssibuha ta' siwi għalikom.

Lawrence
9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV

Ikliet

[56] * Plakek tal-ħajt normalment ikollhom swiċċ ħdejhom. Għalkemm il-vultaġġ nominali ġie uffiċjalment mibdul għal 230V, 240V huma fit-toleranza u komunament misjuba.
[57] Tip F qegħdin isiru aktar komuni minħabba l-użu tal-kompjuter. Il-fili ħaj u newtrali huam bil-maqlub ta' dawk misjuba fl-Awstralja u bnadi oħra.
[58] Xi plakek tat-tip Gjistgħu jinstabu li għadhom hemm mill-perjodu kolonjali imma huma rari.
[59] * Se jsir 220V. Tip G misjuba f'lukandi, l-aktar dawk mibnija minn żvilupaturi minn Singapor u Ħong Kong.

Kif tafu qed jiġu organizzati ikliet bejn il-ħbieb fiċ-Ċentru tal-**MARL**. Dawn l-ikliet jiġu avżati l-membri permezz ta' posta elettronika fil-grupp tal-jaħoo. Hawnhekk għandkom ritratt meħud waqt ikla minnhom mibgħut minn **Mario Buttigieg**, **9H1TM**.

Lawrence
9H1AV/9H9MHR/9H79AV

L-Użu ta' l-apparat fil-karozza

Dan l-aħħar jidher li kien hemm xi dilettanti tar-radju li jew ma qrawx dak li kont ktibt jew insew għaliex waqt li kienu jitkellmu wieħed minnhom qal li se jaqtà għal ftit għax kien hemm il-wardins. Żmien ilu kont ktibt fil-Fuljett illi bħala dilettanti tar-radju nistgħu nużaw l-apparat tagħna fil-karozza għax hemm eżenzjoni apposta fil-liġi.

Għalhekk morru fil-Fuljett Numru 40 ta' Lulju 2009 fejn issibu l-informazzjoni kollha li kont ktibt qabel. Din l-informazzjoni fiha madwar 3 paġni u fiha fissirt kif radju two-way jista' jitħaddem kif ukoll ktibt dwar l-Avviżi Legali li jagħtu din l-eżenzjoni.

Għaldaqstant, kull ma għandkom tagħmlu huwa li iżżommu kopja ta' dawn l-Avviżi Legali fil-karozza u jekk xi ħadd iwaqqafkom uruhomlhom għax ma jistgħu jgħidulkom xejn għax inthom tkunu qed timxu ma dak li tgħid il-liġi. Oqgħodu attenti biss dwar kif tkunu qiegħdin issuqu.

Tinsewx li jekk ikollkom xi problemi mal-wardins ibgħatuli posta elettronika fuq il-kaxxa elettronika tiegħi **9h1avlaw @ gmail.com**

Lawrence
9H1AV/9H9MHR/9H79AV

Fiera tar-Rebbiegħa San Anton

Dawn kienu ftit ritratti tas-sehem tal-**MARL** fil-Fiera tar-Rebbiegħa fil-**Ġonna ta' Sant'Anton** li saret f'Mejju li intbagħtu minn **Publius** lill-grupp tal-jaħoo. Minħabba li hemm numru ta' ritratti oħra mibgħuta minn dilettanti tar-radju oħrajn, se nagħmilhom flimkien fuq ħarġa apposta tal-Fuljett.

Lawrence
9H1AV/9H9MHR/9H79AV

Informazzjoni oħra

Infakkarkom li bejn il-11 u t-12 ta' Ġunju ikun hemm il-**Kompetizzjoni ta' l-ARRL fuq il-VHF** u minħabba li l-propagazzjoni qed tiftaħ anki fuq il-**50 MHz**, ikun siewi għal min iħobb il-kompetizzjonijiet bies jissemma għaliex ikollu okkażjoni li forsi jitkellem ma xi pajjiż ġdid fuq din il-frekwenza.

Ir-Russja issa daħħlet fis-seħħ ir-**Rakkomandazzjoni tas-CEPT TR61/01** u għalhekk dilettanti tar-radju Maltin li jkunu r-Russja għal żmien ta' mhux aiktar minn tliet xhur jistgħu jitkellmu minn hemmhekk. Fit-18 ta' Mejju kien hemm dawn il-pajjiżi li kienu daħħlu fis-seħħ din ir-Rakkomandazzjoni.

Awstrija, Belġju, Bosnja u Ħerżegovina, Bulgarija, Kroazja, Ċipru, Repubblika Ċeka, Danimarka (inkluża Grijnlandja u l-Gżejjer Faroe), Estonja, Finlandja, Franza (inclużi Korsika, Gwadelup, Gujana Franċiża, Martinik, St Bartolomew, St Pjerr u Mikelon, St Martin, Reunion u d-Dipendenzi tagħha, Majott, Antarktika Franċiża, Polinesja Franċiża u Klipperton, Kaledonja Ġdida, u Wallis u Futuna), Ġermanja, Greċja, Ungerija, Islanda, Irlanda, Italja, Latvja, Liečtenstajn, Litwanja, Lussemburgu, Maċedonja, Moldova, Monako, Montenegro, Olanda,

Norveġja, Polonja, Portugall, Rumanija, Russja, Republika Slovakka, Slovenja, Spanja, Svezja, Svizzera,Turkija, Ukrajina u r-Renju Magħqud (inkluża l-Irlanda ta' Fuq, il-Gżejjer ta-Kanal u l-Gżira tar-Raġel).

Fi tmiem il-ġimgħa 18 u 19 ta' Ġunju kif ukoll fi tmiem il-ġimgħa 25 u 26 ta' Ġunju ikun hemm tmiem il-ġimgħa tal-Mużewijiet Internazzjonali.

Wieħed jista' jmur fuq il-paġna ta' l-internet **http://www.ukradioamateur.co.uk/imw/** ta' din l-attività minn fejn jista' jniżżel l-informazzjoni kollha kif ukoll listi tal-mużewijiet li ħadu sehem fis-snin ta' qabel kif ukoll dawk li irreġistraw li se jieħdu sehem din is-sena.

Lawrence
9H1AV/9H9MHR/9H79AV

Attivitajiet tal-MARL

Attivitajiet li qed isiru fiċ-Ċentru tal-MARL huma taħdidiet minn Fortunato dwar is-sigurtà minħabba radjazzjoni mill-antenni kif ukoll lezzjonijiet prattiċi dwar kif jintuża apparat ieħor mid-dilettanti tar-radju. Radd il-ħajr lil Fortunato u lil kull min qiegħed jagħti l-għajnuna tiegħu kif ukoll għal dawk kollha li qed jieħdu sehem f'kull attività organizzata mill-MARL.

Nhar it-Tlieta 7 ta' Ġunju il-lezzjonijiet se jsiru Wied Rini ħdejn it-torrijiet tas-servizzi. Fit-8 ta' filgħodu kulħadd jiltaqà iċ-Ċentru tal-MARL fejn se jitgħabba l-apparat meħtieġ kif ukoll il-Yagi ta' 3 elementi.

Se jkun hemm taħrif prattiku kif tagħmel antenni, dipol bin-nases, kif tagħmel u tissettja nases bil-GDO u tagħrif ieħor interessanti. Frekwenzi jiġi magħżula dak il-ħin. Fortunato se jġib nases, fili, condensaturi, isolaturi eċċ. Ikel, xorb, biex tilqgħu ix-xemx u l-bqija ġibu magħkom.

Id-dilettanti tar-radju kif ukoll semmiegħa tar-radju għandhom jieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet għaliex jiswew ħafna għal kulħadd.

Grupp tal-Jaħoo

Oqgħodu attenti u idħlu fil-grupp tal-yahoo ħalli tkunu nfurmati sewwa bl-aħħar attivitajiet li nkunu se nagħmlu.

Tinsewx li se jkollna attivitajiet għat-tliet xhur li ġejjin u jista' jkun li ma jkunux jistgħu jidhru fuq dan il-fuljett minħabba li jkun diġa' ħareġ u għalhekk l-avviż isir fuq il-grupp permezz ta' l-internet.

Ibghatu ittra elettronika lil Ivan, 9H1PI fuq ivan.privitera at gmail.com biex issiru membri tal-grupp

Infakkrukom ukoll li kull min irid jista' jniżżel dan il-Fuljett direttament minn fuq www.9h1mrl.org/newsletter.htm

Lawrence
9H1AV/9H9MHR/9H79AV